# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeuġ dac li gharaf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**139.** **13 ta' MEJJU 1911.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# INDUSTRIJI MALTIN.

Min jaf, jaħasra x'ġid cbir, x'eluf ta' liri kieghdin jintilfu cull sena! Min jaf x'tesori ħierġin minn Malta biex jittieclu m'il ħaddiema barranin, f'il ŭakt li bosta u bosta Maltin kieghdin b'idejhom fuk żakkhom ijbatu il ġuħ!! U min hu il ħtija ta' dana collu? Il Gvern taghna u ħadd iżjed. Iżda billi nokoghdu nitbeccheŭ, ma naghmlu xejn. Jaħtieġ li naraŭ ftit minejn hu ġejj il mard u d'il ħsara collha li kieghda tfakkar lil naħbuba gżira taghna.

Bosta huma daŭc il ħŭejjeġ li minnhom jista jinġibed li *spirtu*, u li kieghdin jintilfu u jinħleŭ minnghajr ma jatu l-ebda ghajnuna lill poplu. F'id-dħul ta Marzu, ŭakt il ftuħ ta'ż-żaħar ta'l larinġ-kares, il Gvern jat permess lil xi uħud biex jillampicaŭ iż-żaħar, u jiġbdu minnu l'ilma żaħar, li bħalu sgur ma jinsabx f'id-dinja. Ŭara li jispiċċa iż-żaħar, il Gvern jarġa jiġbor il-lampichijiet, biex jeŭŭilla ma jsirx xi contrabandu! Puh! chemm ghadna lura! U chemm biħsiebna ndumu b'da'l ghamad fuk ghajnejna? Sa chemm ijrid il Gvern taghna. Il Gvern ijżomm il-lampic u il Maltin tibka taħli u tarmi dac il ġid li Alla ghoġbu baghtilna.

B'il lampic, minn dac iż-żigromb tul ir-rebbigha jaka taħt is-siġar ŭakt li il larinġ ijcun kieghed jitghakkad, jista jinġibed spirtu msejjaħ *bitters*, li jcun ŭisk aħjar fit-toghma u gha's-saħħa minn dac li jiġi minn Barra. Minn ratal żigromb jista jinġibed terz *bitters* mill aħjar; u iż-żigromb jista jcun ta' cull xorta ta' larinġ, iżda l'aħjar hu dac ta'l mandulina, ta'l-lumi u ta'l larinġ kares. Jecc minn cull siġra jaka ratal u nofs żiġromb, (u xi drabi jakghu tliet t-artal u erbgha) m'iż-żigromb ta' tnax il siġra jistghu jinġibdu tnax il terz spirtu m'il ankas. Jecc f'Malta u f'Ghaŭdex jinsabu sittin elf siġra ta'l-larinġ (u aħna sguri li jinsabu iżjed minn daks hecc darb'oħra) m'iż-żigromb li jaka minn daŭn is-siġar jistghu jinġibdu m'il lankas sittin elf terz spirtu *bitters*, u hecc m'hux biss il flus li jintefku f'il *bitters* jibkghu f'Malta u jittieclu m'il Maltin, iżda jista ucoll jimbaghat Barra u jinbieh hemm. U dana biss? Iż-żaħar ta'l larinġ ta'l lumi u ta'l mandulina kieghed jintilef ghaliex il Maltin ma tafx taħdmu. Iżda jecc il Gvern jerħi il-lampic minn idejh, aħna natu b'kalbna colla ir-*ricetti* u il ghajnuniet li jcun hemm bżonn.

Cull sena jimbaghat Barra il kxur ta'l larinġ-kares, ghaliex haŭn ma jistax jiġi illampicat. Ghal lampic, il kxur ta' cull larinġ hu tajjeb, iżda l'aħjar hu dac ta'l kares. M'il koxra ta' tnax il larinġa jista jinġibed iżjed minn pinta *bitters ħamrani* barra m'iż-zejt volatili li jisŭa daks il *bitters* darbtejn. M'iż-żerrigha u m'il kxur ta'l gheneb, li ŭara li jittieħed minnhom l'imbid u il ħall, actarx jirtmeŭ, jeŭ jintghataŭ b'tgham lil majjali, jista jinġibed spirtu ta' tlietin grad. U x'inghidu ghall ŭard? Minn cull xorta ta' ŭard, m'il vjoli, m'il ġisimin u tant oħrajn jistghu jinġibdu żejt ta' fŭieħa li tghaxxi, u li jisŭeŭ ŭisk. F'Mejju il bejjiegh ta'l ŭard ma jilħakx ma'l ŭard li ijcollu, u actarx ijħallih jaka u jintilef. Iż-żejt li jinġibed m'il ŭarda maltija hu tajjeb ŭisk, m'hux biss ghall fŭieħa tieghu, iżda ucoll ghall virtù medicinali li ghandu. Jecc il bidŭi jibda jsib ijbiegh il ŭard ghall lampic, f'kasir żmien naraŭ il ŭiedien u ix-xghari ta' Malta jincseŭ u jizzeuŭkŭ b'cull xorta ta' ŭard. Iżda jakbeż xi ħadd u jghidli li id-dazju jonkos, u ghal hecc il Caxxa ta' Malta tibda tiftakar jecc il Gvern jati il-lampic franc. X'ġara? Ghal collox hemm duŭa fid-dinja, barra m'il meŭt biss, u dina hija li tiżdied it-taxxa ta' l'ispirtu li jiġi minn Barra jeŭ issir taxxa żghira fuk il fŭejjaħ li jiġu minn Barra, u hecc m'hux biss li il Gvern jibka f'tieghu, iżda l'ispirtu u il fŭejjaħ li jsiru Malta actar jinxtraŭ billi jcunu irħas u aħjar minn ta' Barra. Iżda il Gvern li ghandna ftit ijħabbel rasu biex ikaŭŭi kalb l-industriji taghna u aħna ma irridux ħlief li il bajtra taka f'ħalkna miħhidha u ghalhecc ġejna b'id ŭara u oħra kuddiem.

# FRAC.

Krajt bi pjacir cbir id-discors sabiħ li baghatli stampat il gharef Mons: Can: Teol: Dun Luigi Vella, D.D. ta' Ghaŭdex ghal festa ta'l Gŭardji ta'l Onur ta'l Cnisja ta' S. Savina ta'l Belt Vittorja. Dun Lŭiġ hu ġaŭħra f'il veru sens ta'l chelma; xempju ta' tjubija, ħaddiem bla ħeda f'il kasam ta'l Mulej, studjus, chittieb mi'l aħjar, ijħobb il poplu u jixtiek ijghallmu u jħobb ħafna il Ghaŭdex li tieghu kieghed jicteb storja sabiħa u interessanti tasseŭ u li ghandi mitt sena sa naraha stampata. Min kara il bosta romanzetti tieghu b'il malti jaf b'iż-żejjed chemm ijħobb il pajjisu dana is-sacerdot li m'hux ghal xejn f'Ghaŭdex u minn cull min jafu hu miġjub fuk l-idejn. Nitolbu l-Alla li jseddku ghall ġid ta' pajjisna u ta'l erŭieħ.

—Nhar il Ħadd li ġejj, fl-4 ta' ŭara-nofs-inhar f'it-Teatru-Cinematografu «S. Ġorġ» ta' Bormla sejjer ijsir Cuncert famus biex tinġabar xi ħaġa gha's-«Società» di S. Vincenzo di Paoli ta' hemm. Dħul xelin biss. Ghaldakstant cull min ijmur m'hux biss jieħu pjacir sgur iżda jcun ucoll kieghed jaghmel carità.

—B'dulur cbir sejjer inħabbar il meŭt ta' **Vincenza Mercieca** li ġrat il Mosta ftit ġranet ilu ŭara li irceviet is-Sagramenti, u ŭara marda kalila ta' bosta snin. Chella 78 sena u tiġi omm l-intelligenti Patri Ugolin Mercieca, O.F.M., Nitolbu ghall mistriħ ta' ruħha u biex Alla jati ucoll is-sabar lill familja taghha.

# TLAKKIT.

—Naħla fi staġun tiġbor mimli cuċċarina ghasel biss.

—Ir-rix ta'l ingħam jiġi actarx m'il Africa t'Isfel.

—Fi Franza hemm għaxar miljun par miżżeŭŭġin; żeŭġ miljuni minnhom huma bla tfal.

—Il Ġappuniżi sa erbghin sena ilu chienu jlakkmu il ġidri fuk il ponta ta' mnieħirhom!

—Is-sena l-oħra f'-Londra imbighu mitt tunnellata dnub ta'l ktates biex ijsiru ornamenti ghall peluxi ta'n-nisa.

—In-nemel ta'l Africa t'Isfel ġie li ħaffer ħofra tŭila sa tliet mili bħal catacombi taht l-art.

—F'Manchester hemm mara li tara collox ħamsin darba acbar milli hu. Ghaġeb cbir tasseŭ!

—L-atleti indjani jghixu fuk il ħalib, ftit laħam ta'l moghża u ħafna ħobż u ghaġin.

—L-oghla ċumnija li haŭn f'id-dinja hi dic ta' Townsend Works, fi Glasgow, fl-Iscozja. Hi gholja 488 pied; 454 ħaġar u 34 cuperċ ta'r-ram

—Min ijrid jakta is-socor ma hemmx aħjar milli jmexmex il-larinġ meta tatih il chilba.

—L-acbar mappa li haŭn f'id-dinja hi dic li ghamlu il Geological Survey Corps ta'l Istati Uniti ta'l America li damet tinħadem ghoxrin sena u li meta jifirxuha tieħu *acre* ŭisa.

—Is-Surmast ta'l Musica Franchetti, l-imfaħħar aŭtur ta'l Ġermanja, chiteb opra oħra imsejjħa MACBOULE' fuk librett ta' Illica meħud minn soggett torc, u li sejjra issir ghal l-istaġun li gejj fi't-Teatru *La Scala* ta' Milan.

—Leŭŭel ma bdeŭ jixorbu il cafè chien fi Lvant ghal ħabta ta' nofs is-seclu ħmistax. Fl-Eŭropa il café inġieb fl-1644, u f'Marsilja, fl-1671, infetaħ l-eŭŭel ħanut ta'l cafè. L-aħjar cafè hu dac li jimbiegh f'*Bazar* jeŭ f-is-suk ta' Betelfagy, belt li hi xi mitt mil boghod minn Moca, fl-Arabja.

—Il ħġieġ nafu bih minn elf u sitt mitt sena kabel Cristu u l-eŭŭel ma bdeŭ jużaŭh chienu l-Eġizjani li imbaghad ghallmu jaħdmuh lill Fenici. Daŭna sgur li metaġeŭ Malta ġiebu maghhom dina is-sengha u li il ħġieġ ilu ħafna f'Malta, ghallankas ma'l elfejn sena, jidher m'il ħġieġ li insab issa f'il banju roman li chixfu f'ir-Ramla ta' Ghaŭdex, ghad li dac il ħġieġ m'hux trasparenti u culurit b'ir-ram.

—M. Paŭl Dechanel ijgharrafna li il linġŭa franċiża chienet l-actar ŭaħda imxerrda f'il bidu ta's-seclu dsatax, il-lum ŭakghet ir-raba ŭaħda ghaliex jafu bl-ingliż f'id-dinja il-lum haŭn 116 il miljun, b'ir-russu 85 miljun, b'it-tedesc 80 miljun u b'il franċiż 58.

—Il «British and Foreign Bible Society» li hi maħluka biex lil cull bniedem li haŭn f'id-dinja tatih b'xejn il Bibbja makluba fl-ilsien tieghu is-sena l'oħra kassmet 6,620,000 copja. Minn mindu inħolkot sa'l-lum kassmet b'collox 222,000,000 (miljuni) copja. Tonfok 735 lira sterlina cull jum, u *cull siegha* jitkassmu 2,250 copja. Il Bibbji li tkassam huma maklubin s'issa F'ERBA MIJA U ERBGHA U GHOXRIN LINGUA' Is-sena l-oħra biss nefket 242,890 lira sterlina. F'iċ-Cina kassmu ma'l miljun, f'il Corea 355 elf, f'il Ġappun 305 elf u 708 elf fl-Indja.

Il Bibbja fiha 66 ctieb, 1,189 capitlu, 31,173 versett, 773,693 chelma u 3,536.489 ittra. Il chelma u tidħol 36,277 darba, il chelma «*reverend*» darba biss. It-traduzjonijiet li ghamlet dina ix-xirka huma 75 bl-ilsna ta' Eŭropa, 157 bl-ilsna ta'l Asja, 103 bl-ilsna ta'l Africa u 62 bl-ilsna ta'l Polinesja. Emile Duploye chitibha bl-istenografija u cull copja tkum tmienin lira.

—Il ġeŭża ta'l Indji fiha ħafna grass li jixbaħ ħafna il butir. Dana il-lum bdeŭ jiġbruħ b'il macni, sejjħulu COCOSE u miexi ġmielu f'loc il butir u ix-xaħam ghal kali. Jiena nużah ħafna ghaliex m'hux biss hu tajjeb f'it-toghma ŭisk actar m'ix-xaħam iżda ucoll ghaliex jaħbat xi ħaġa orħos minnu, u m'hux talli jati lill ġisem l-istess sustanza iżda ma fihx gha's-saħħa daŭc il pericoli li fih ix-xaħam u l-actar ta'l majjal billi il *cocose* hu meħud minn frotta ta' siġra u m'hux minn ġisem ta' annimal. Barra hu miexi seŭŭa u f'bosta esposiżjonijiet ħa ġa ħafna premji (*Grand Prix, Paris 1906*; *Hors Concours Presidence de Jury, Marseille 1906*), u kieghdin jużaŭh il Ministeru ta'l Gŭerra Eġiżjan ghal l-Armata Eġizjana, fl-Armata Franċiża u fl-Isptarijiet militari ta' Franza. Il Cumitat ta's-Sanità Franċiża kal: *La Cocose au point de vue hygienique est entierement recommandable.* Ippruvaŭh u taraŭ chif tibdghu tuzaŭh bla ma ġara lili.


## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha aħjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

Min ijrid jicri forn il Belt, f'it-Tombata ta'l Mandraġġ, Nri. 142 u 143, ijmur ghand Censu Muscat b'il ħanut f'id-numri 144 u 145 fejn hemm l'imfietaħ u kieħed jista jiltiehem ucoll fuk il chera.

# CHIEFRA.

*Le m'hux tasseŭ li in-nisa ghandhom kalb.*

G. Muscat-Azzopardi.

**Chiefra ! d'il kalb li tant ilha titnihed**
**Ghalic, d'il kalb l'int biss taf chemm ħabbitec,**
**Fl'aħħar ghejet; ta'l meŭt ġa 'l ħemda ħasset**
**K'ed taka fukha ghax taf li sgur tilfitec;**
**Habbet iż-żejjed.**

**Ghada f'il-ghodu, ma l'gharus ferħana,**
**Titlak ghall cnisja b'ħafna ħbieb ma' dŭarec.....**
**Jien niġi nisma 'l ħalfa chiefra tieghec......**
**Nisħtec... u meta tcun int ħierġa ghall darec**
**Tilmaħni mejjet.**

(*M'il «Cottonera»*) — A. LEV:

# TAGHLIMA LIL TA' LSIENHOM IMKASS.

**Ĝanni 'l Lablaba**
**Minn Hal Tarxien,**
**B'ħorġa mimlija**
**Fuk spalltu chien**
**Lejn il Belt sejjer**
**Ilu ftit żmien.**

**Chif ħalla 'l Marsa**
**U ŭasal krib**
**Fejn inghidulu**
**Aħna «*Is-salib*»**
**Dan Carmnu 'l sieħbu**
**Manŭeli jsib:**

**—«X'hemm, Lel? da 'l ghodu**
**X'chien l'int baccart ?**
**Haŭnhecc x'riħ ġiebec,**
**Dal ħin, f'da'l bard ? »**
**U rama jgħidlu**
**Bit-terz u il qŭart.**

**Kabad ijkassas**
**Fuk il ġirien:**
**Ghax ghandcom tafu**
**Li Hal Tarxien**
**Tinsab d'il marda**
**Fil ħàli lsien.**

**Leli, li nzerta**
**Ma jghid fuk ħadd,**
**Meta ra 'l Carmnu**
**Ma jeħda katt,**
**Dar fuku u kallu:**
**«Int tghid b'cullħadd ?**

**«Razzan il-lsienec,**
**«Okgħod ftit qŭeit!**
**«Jakaŭ da'l ghodu**
**«Iż-żeŭġ tebkiet**
**«Ta'l ħorġa mlejthom**
**«Ĝol ghŭarijiet ?**

**«Ma scond il galbu,**
**«Ta'n-nies ta' ħdejc**
**«Il ghŭar kieghidtu**
**«Kuddiem ghajnejc**
**«U tieghec tfajtu**
**«Ŭara spallejc.**

**«Ghaliex minn mindu**
**«Tchellimni ġejt**
**«M'ill ghŭar ta' ghajrec**
**«Xejn ma ħallejt:**
**«Tieghec biss donnoc**
**«F'it-tebka nsejt.**

**«Carm isma, jiena**
**«X'parir se' ntic,**
**«Tajjeb gha'r-ruħec,**
**«Tajjeb ghalic:**
**«Tieħu gost inti**
**«B'min ijghid bic ?**

**«Mel' isma minni,**
**«U żomm da'l cliem:**
**«Daŭŭar il ħorġa**
**«Ŭara kuddiem,**
**«Ftacar ghamilec**
**«U... ibka b'is-sliem'.»**

(*M'il «Cottonera»*)

E. C.
(*Dŭardu Cachia*)

# Snien, Dras u Njeb.

Is-snien huma daŭc il parti minn ta' ġisimna li forsi natu l'ankas cont taghhom. Nixorbu ħŭejjeġ sħan u chiesħin, ilma nġazzat ŭakt brodu jismot, inchissru ġeŭż, leŭż jeŭ ħŭejjeġ actar jebsin; inkattghu ħajt, spag jeŭ ħŭejjeġ oħra bi snienna, insomma nistrapazzaŭhom b'mod iż-żejjed icreħ. Naħsbu li huma ta'l ħadid u li ghandhom jibkghu eterni. Biss meta naghmlu lejl nŭaħuħu bihom, u irridu nfarrcu rasna ma'l ħajt, jeŭ nixtieku il meŭt tiġborna biex teħlisna minn daŭc id-dŭejjak u minn dac l'uġiegh, allura ncunu na'u chemm hi ħaġa ghażiża li ŭieħed jibża ghall snienu. Imbaghad biss, nibżghu m'il l-ankas feŭġa ta' rieħ, imbaghad biss nixtieku nsibu ħalib it-tajr biex infejjkuhom u inġibuhom b'saħħithom bħal kabel. Iżda m'hux dejjem inġibuha żeŭġ, u f'età ŭisk żghira jcollna nistabru naraŭ ŭiċċna jaka donnu borża u nħallu min ijghidilna li chilhomlna il ġurdien.

* * *

Is-snien, min ma jricx jibka minn ghajrhom jeŭ ijbati bihom, ghandu jaħseb jibża ghalihom minn cmieni, u l'actar min, minnhom infushom, ma humiex tant ta'r-refgha.

* * *

L'aħjar snien huma daŭc li jcollhom leŭn abjad safrani. Xi dakkiet fuk ŭiċċ sabieħ trid tara dic il filiera ġaŭhar bajda bajda daks il lift takta ma'l leŭn krolli tax-xofftejn. Haġa sabiħa tasseŭ iżda daŭna, għalchemm isbaħ, ma humiex tas-saħħa daks daŭc li f'leŭnhom jatu fl'isfar. Dan il-leŭn jiġi billi li smalt ta's-snien ijcun oħxon u kaŭŭi. L'aghar snien huma daŭc li il-leŭn taghhom ijcun abjad jati fil caħlani. Il bojod u il bojod li jatu firmiedi huma bejn is-safranin u il caħlanin.

* * *

Meta it-tfal jakghulhom snienhom u drashom u jarġghu jibdghu jtellghu, ommiethom ghandhom jokoghdu b'ghajnejhom miftuħa biex daŭn is snien u dras jitilghu collha f'lochom, ghax xi tnejn minnhom jinbtu b'mod li ma jcunux jaħbtu fuk xulxin seŭwa u allura jfarrcu ŭaħda lill'oħra f'kasir żmien.

* * *

Ghal min hu hecc ixxurtjat li ghandu snienu tajjba, biex ma jbati katt bihom hu b'iż-żejjed li jaghmel dac li sejjer inghidlu f'dal ftit cliem li ġejj.

* * *

Cull meta tiecol ghandec dejjem tlaħlaħhom bi ftit ilma, iżda li ma jcunx chiesaħ bosta.

* * *

Katt ma ghandec tokghod tghaŭŭar snienec, u la b'il-labar u lankas b'is-solfarina imlakkxa biex tneħħi il frac ta'l ichel li jcun bakaghlec bejniethom. Jecc is-snien ijcunu mberrkin minnhom infushom, ghandec l'actar tħammilhom b'pinna t'ar-rix. B'dac il ħafna tghaŭŭir tgharrak ħniechec, u iġġighel joħroġ bżiek actar milli jeħtieġ u b'hecc tghejji il grandli.

* * *

Katt ma ghandec tixrob u la sħun u lankas chiesaħ iż-żejjed, u ghandec tokghod b'seba ghajnejn biex meta ħalkec ijcun sħun ma toħroġx barra gha'r-rieħ, ghaliex b'hecc jixxakkak u jixxagħar l'ismalt u is-snien jimirdu.

Mela ibża ghall snienec ghaliex meta jitħassru daŭna ma tomghodx tajjeb, u min ma jomghodx tajjeb ħajja kasira jista jcollu.

# IL CURA TA'S-SAŪM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

Ghandi kuddiem ghajnejja l-articolu li Upton Sinclair chiteb f'il «*Contemporary Review*» ta' April ta's-sena l-oħra; u l-articolu li chiteb fuku Stead f'ir-«*Review of Reviews*» ta'l istess xahar ucoll; iżda f'daūna iż-żeuġ articoli ftit hemm ūieħed x'ijżid ma' dac li ġa ghidna kabel.

Fl-articolu ta'l «*Contemporary*» Sinclair ijghid:— « *For ten years I have been studying the ill-health of myself and of the men and women around me. And I have found the cause and the remedy. I have not only found good health, but perfect health; I have found a new state of being, a new potentiality of life; a sense of lightness and cleanness and joyfulness, such as I did not know could exist in the human body. The fast is to me the key of eternal youth, the secret of perfect and permanent health. It is Nature's safety valve, an automatic protection against disease—which is the product of superfluous nutriment...... The reader may think that my enthusiasm over the fasting cure is due to my imaginative; I can only say that I have never yet met a person who has given the fast a fair trial who does not describe the experience in the same way.*»

Fi ftit cliem ijghidilna chif ūara ghaxar snin sħaħ sab chif fiek hu u chif fejjak il ta' ma' dūaru u li m'il mard ta' kabel issa mindu beda jsum ma ghadu jħoss xejn m'hux biss iżda jħossu dejjem fuk tieghu u ferħan u cull min ghamel dina il cura jghid li jħossu tajjeb xejn ankas minnu. Jfeħimna ucoll li cull mard hu ġejj m'il ichel u m'ix-xorb iż-żejjed u dana chien kalu ucoll il cbir Napulju i li il mejda toktol actar nies m'il canun.

* * *

Actar il kuddiem ijghidilna li biex inghinu il ħmieġ li jcun hemm f'il ġisem joħroġ il barra hu tajjeb li ūieħed jieħu banju cull jum ħalli jżomm miftuħa il pori biex il ħmieġ joħroġ ma'l gharak u li naghmlu lavativ cull jum billi ma' tul il cura ūieħed ma jippurgax u ghalhecc jibkghu ħafna microbi jħaxūxu ġo msarnu. Ghal min ma ghandux il cumdità li jaghmel il lavativ jista jixrob cull f'il ghaxija tazza ta' terz ilma minerali Hunyadi Janos jeū Francesco Giuseppe u kisu li tixorbu ilma chemm tifilħu ħalli id-demm jitnaddaf m'il urati li jcun hemm maħżuna fih u cull jumejn jecc m'hux cull jum intiżnu biex taraū x'pis kieghdin titilfu u ghal dana nirraccomandalcom tmorru ghand is-Sur Piu Borg, ta' Strada San Giovanni ta'l Belt li ghandu macna tajjba tasseū ghaliex ili nużaha żmien.

* * *

Sinclair jghidilna ucoll li il-lum saūma ta'erbghin jeū ħamsin ġurnata ma hi xejn ħaġa cbira (*Fasts of forty and fifty days are now quite common*) u li l-actar saūma tūila li chien sama biha sa dac iż-żmien li chiteb l-articolu chienet ta' tnejn u sebghin ġurnata. Ifehimna ucoll li cull minn ma' tul il cura jitlef actar minn libbra cull jum pis ijfisser li ġismu chien mibni b-laħam dghajjef u ghalhecc jinħarak actar malajr biex ijzomm il ġisem ħajj. Is-saūma chisirha billi beda jixrob il ħalib sħun, l-eūūel cull siegha u imbaghad cull nofs siegha sa kabditu id-diarrea biex b'hecc naddaf imsarnu tindifa seūūa u raġa bena ġismu fuk il ħalib u il merak ta'l-laring biss chif ijghid Macfadden. Rebaħ tnejn u tlietin libbra pis f'erbgha u ghoxrin jum, u ħass ruħu tajjeb ħafna u mistrih u b'ħerka cbira gha'x-xoghol tant ta'l moħħ chemm ucoll ta'l ġisem. L'uġiegħ ta' ras li kabel chien ijbati bih cull jum ghib u ma ħassu katt iżjed u ghad li chien jixxarrab chemm il darba f'ix-xita katt actar ma ħa rieħ. Jfaccarna ucoll chemm chien jemmen b'is-saūm missierna San Paūl u chif darba Festu chitiblu:—«Ghoddoc daūūartni biex nibda nati ruħi gha's-saūm bħalec.» Fost il kaddisin hemm ħafna li chienu jsumu ghal żmien tūil u ghalhecc chienu jsibu dic il ħrara collha biex jaghmlu il ġid lill bniedmin billi moħħhom f'loc f'żakkhom chien ijcun fl'oħrajn.

# Gha'n - Nisa.

Min hi minncom ċic li xi darba ma chienetx marida? Min hi dic fostcom li xi darba ma chellhiex il xi ħadd marid f'id-dar? Nistghu inghidu li ma haūn ħadd, u li jecc katt haūn xi ħadd hu ħaġa rari tasseū.

Mela ġa la darba cull ħadd xi darba jimrad u il-lum jeū ghada jista jcollu il mard f'id-dar, ma jidhrilcomx li tcun ħaġa sabiħa ħafna u ta' fejda cbira ghalicom jecc titghallmu tajjeb chif idduru b'marid u x'ghandcom taghmlu biex tmixxuh lejn il fejkan u m'hux bħal ma jiġri bosta drabi tgerbuh intom stess kabel il ūakt f'il kabar? Min jaf chemm il darba ommijiet stess kerdu l-uliedhom u il żūieġhom ghaliex ma gharfux f'il mard ta' daūna x'chien hemm bżonn li jsir seūūa u f'loc li ghamlulhom dac li chien ghall ġid; bla ma riedu, biss ghax ma chienux jafu, ghamlu colox il cuntrarju! Hi ħaġa sabiħa ħafna li in-nisa jcunu jafu jirraccmaū, ijdokku il pjanu, jiżfnu u jilbsu la moda iżda hi ħaġa li ma jistghux u li ma jmissħomx ijghaddu minn ghajrha jecc ma jridux jaħirku ruħhom u jafu cont cbir l-Alla li jitghallmu jakdu dmirhom seūūa ta' veri ommijiet ghaliex iż-żūieġ ma hux xalata iżda missjoni l-actar imkaddsa u delicata u ūieħed m'il acbar dmirijiet ta'l miżżeūūġin hu li jibżghu gha's-saħħa ta'l familja.

Ghaldakstant jiena deħirli li naghmel ħaġa seūūa ħafna li infeħimcom x'ūieħed ghandu jaghmel meta jcun marid jeū meta jcollu il xi ħadd marid id-dar biex ijfittex ijfejjku jeū ijfiek hu stess. *Salus suprema lex*, iġifieri «is-saħħa hi fuk collox» u ghalhecc meta inghallimcom chif issalvaū saħħitcom meta tcunu morda incun kieghda inghallimcom chif terġghu ticsbu l-actar ħaġa ghażiża li tcunu tliftu.

* * *

Biss kabel nibda nitħaddet maghcom fuk il mardijiet u chif idduru b'il morda biex tghinuhom ghall fejkan hemm bżonn li nitchellem maghcom ftit m'il ġisem ta'l bniedem ghaliex jecc ma tcunux tafu chif inhu maghmul seūūa u x'jisimhom il bċejjeċ tieghu il kuddiem ma tcunux tistghu tifħmuni tajjeb.

* * *

Ix-xjenza li tfeħimna chif inhu maghmul il ġisem ta'l bniedem ħaġa b'ħaġa u li titchellem fuk dac collu li fih tissejjah ANATOMIJA u hi il pedament li fukha hu mibni l-istudju ta't-tobba collu. Dina tghidilna chemm il ghadma, il muscolu, il nerv fih il ġisem, chif jinghakdu flimchien, mnejn ijghaddu l-arterji u il vini u x'naf jien u ghalhecc minnghajrha ħadd ma jista jifhem il cotba ta'l Medicina seūūa. Jiena sejjra mimxi fuk it-*Testut* li hi ūaħda m'il aħjar anatomiji u ma hemmx bżonn inghidilcom li fejn noghtor żeūġi li studjaha bi ħsiebu jghinni palata seūūa.

* * *

Jiena ma irridx nitħaddet maghcom m'il FILOĠENIJA iġifieri minn chif il bċejjeċ collha ta'l ġisem jinbtu fl-inkas annimali u jibkghu jcbru u jisviluppaū irūieħhom sa jsiru bħal daūc ta'l bniedem, u lankas m'il ONTOĠENIJA iġifieri fuk chif jisviluppaū rūieħhom l-*organi* (il bċejjeċ) ta'l ġisem f'il ġuf sa jaslu gha't-tūielid, ghaliex daūna huma studji irkak ghalina u ma huma ta' ebda ħtieġa cbira ghal l-ommijiet. Nibdeū mela biex nitchellmu ftit m'il OSTEOLOĠIJA iġifieri m'il GHADAM li jibni il ġisem taghna ghaliex dana l'istudju hu il pedament ta'l Anatomija collha. LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

( *Jissocta.* )

**Sejjer johrog' ma jdumx!**

# AGOSTINO LEVANZIN

# IL CURA TA'S-SAUM

Ctieb interessanti tasseu li minnu titghallmu chif taghmlu dina il cura, chif ticsruha, chif tfejjku biha hafna mardijiet u liema g'id tista taghmel u liema huma il pericoli ghal min ma jaghmilhiex seuua; x'hassejna ahna g'urnata b'g'urnata u hafna huejjeg' ohra li meta uiehed jakrahom jistghu jisueulu uisk ghal g'id ta' sahhtu. Il ctieb ijcun stampat fuk carta m'il ahjar u ijcun fih bosta stampi fosthom dauc ta's-Sur Levanzin chif chien sar fl-40 jum ta's-sauma tieghu. **Ijkum tmien soldi biss.** Ghall bejgh **xelin.** Tistghu tissiehbu b'ittra.

---

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

**50 u 51 Strada Mercanti il Belt**

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &ec.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA



Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13. rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof. Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.



# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità. ta' gass, forimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.



# L-Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U HŬEJJEĠ OHRA M'IL AHJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRHAS TAS-SEŬ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U HADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEUUA** LI HU ŬISK ACBAR U ISBAH U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AHJAR U B'ACTAR HEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua.**



# IS-SECLU TA'N-NERVI.

Ħecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsns b'in-nervi u l-actar b'il misħuta

NEVRASTENIJA

li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

li ŭara studju cbir sab il famus

ANTINEVROTICU

li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.

F'Malta dan ijbigħu

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

¡IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta s-Sur Critien, il Furjana.